MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 386/2014

**The Yacht Shop Limited**

**vs**

**Comino Channel Shipping Limited**

**bhala sid tal-bastiment M/V AKALAM**

**(Numru ufficjali 12555)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti tas-6 ta' Mejju 2014 li jghid hekk:

1. Illi fil-perjodu bejn April 2013 u Lulju 2013 is-socjeta rikorrenti The Yacht Shop Limited issuplixxiet diversi provisti u servizzi lil Bastiment M/V Akalam, waqt li l-istess bastiment kien qiegħed hawn Malta;

2. Illi l-valur ta' dawn il-provisti u servizzi komplessivament jammontaw ghas-somma ta' sebat elef u mitt euro u tmienja u disghin centezmu (€7,100.98). Minkejja l-fatt li s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi s-sid jew rapprezentanti tal-bastiment, sabiex jaghmlu l-hlasijiet dovuti, dawn baqghu inadempjenti;

3. Illi s-somma ta' sebat elef u mitt euro u tmienja u disghin centezmu (€7,100.98), kif indikat fir-rendikont datat 14 ta' Novembru 2013, hawnhekk anness u mmarkat bhala Dok. A, tirraprezenta s-segwenti fatturi:

a. Fattura Nru. 347 datata 26 ta' April 2013 ghas-somma ta' mija u hamsa u sittin euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€165.21) - Dok. B;

b. Fattura Nru. 348 datata 26 ta' April 2013 ghas-somma ta' elf disa mija u sitta u erbghin euro u tlett centezmi (€1,946.03) - Dok. C;

c. Fattura Nru. 419 datata 7 ta' Mejju 2013 ghas-somma ta' mija tlieta u tlettin euro u wiehed u hamsin centezmu (€133.51) - Dok. D;

d. Fattura Nru. 420 datata 8 ta' Mejju 2013 ghas-somma ta' disa u erbghin euro u tmienja u tlettin centezmu (€49.38) - Dok. E;

e. Fattura Nru. 484 datata 10 ta' Mejju 2013 ghas-somma ta' seba u erbghin euro u disa u hamsin centezmu (€47.59) - Dok. F;

f. Fattura Nru. 503 datata 23 ta' Mejju 2013 ghas-somma ta' sitta mija u sitta u hamsin euro u ghoxrin centezmu (€656.20) - Dok. G;

g. Fattura Nru. 569 datata 29 ta' Mejju 2013 ghas-somma ta' elfejn u tlieta u disghin euro u hamsa u sebghin centezmu (€2,093.75) - Dok. H;

h. Fattura Nru. 606 datata 5 ta' Gunju 2013 ghas-somma ta' erba mitt euro (€400) - Dok. I;

i. Fattura Nru. 864 datata 19 ta' Lulju 2013 ghas-somma ta' hames mitt euro (€500) - Dok. J;

j. Fattura Nru. 1488 datata 10 ta' Ottubru 2013 ghas-somma ta' hames mija sitta u tmenin euro u sitta u tmenin centezmu (€586.86) - Dok. K;

k. Fattura Nru. 1489 datata 14 ta' Novembru 2013 ghas-somma ta' sitt mija hamsa u erbghin euro u hamsa u erbghin centezmu (€645.54) - Dok. L;

4. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tal-bastiment hija koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll azzjoni ghar-rikavat tas-somma komplessiva ta' sebat elef u mitt euro u tmienja u disghin centezmu (€7,100.98) li hija kunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hemm lok ghal azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta permess li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a)(iv) u/jew (v) huma sodisfatti u ghalhekk konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

5. Illi jekk issir bejgh jew trasferiment tal-bastiment jew trasferiment ta' ishma fil-bastiment, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz.

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/V ALAKAM, numru 12555 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda 'deletion certificate' u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportun u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmul minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispjjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed jivvantaw drittijiet ta’ hlasijiet fil-konfront tal-bastiment intimat koperti bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 u azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12.

Ghalhekk minghajr ma tidhol fil-mertu tal-korrettezza tal-ammonti mitluba hemm lok ghall-azzjoni ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 u kwindi t-talba attrici hi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ it-tabiet attrici fis-sens li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment M/V ALAKAM, numru 12555 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda 'deletion certificate' u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportun u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------